**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum 14 ta' Gunju, 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**
**(Spettur Mario Xiberras)**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**
**Omissis**

**Kumpilazzjoni Numru: 341/2021**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra Omissis

Akkuzata talli nhar it-30 ta' April, 2021 ghall-habta ta' bejn id-21:10hrs u 21:30hrs gewwa l-Yellow Petrol Station sitwata fi Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana:

1. Bil-hsieb li taghmel delitt wriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma' kienx gie ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghha, billi volontarjament tat in-nar lil dar, mahzen, hanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini iehor, gharix, jew lok iehor, u cioe' materjal li jaqbad meta kien hemm persuni fil-vicinanzi ghad-detriment ta' Mario Mizzi u/jew persuni ohra.

Il-Qorti, giet mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna l-hati ghall-hlas, lir-registratur, ta' l-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal ta' l-inkjesta, hekk kif mahsub f'artikolu 533 et sequitor tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ai termini ta’liema, in vista ta’l-ammissjosni inkondizzjonata ta’l-imputata, il-Qorti ikkonvertiet f’Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x’jittiehdu in konsiderazzjoni. Bla dubbju ta’ xejn r-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputat huwa wiehed mill-aktar serji u seta’ kellu konsegwenzi gravi ghalkemm fortunatament ma kienx hemm konsegwenzi. Min-naha l-ohra l-Qorti ma tistax tinjora l-eta ta’ l-imputata (li ghad ghandha sittax il-sena) u l-fatt li l-persuni li kienu fil-post fejn tqabbad in-nar kienu l-klikka li kienet tifforma parti minnha l-imputata u kienu jafu ezattament x’kienet qed taghmel; dak li gara fil-fatt kien rizultat tal-bluha taz-zghozija. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina netta ta’l-imputata, l-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri kif ukoll dak predispost f’l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 ai termini ta’liema l-piena prevista ghadnha tonqos bi grad jew tnejn.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 37 u 316(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta’l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggiha taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti qed tordna notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’l-ufficju tal-probation.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**